# KRISTU NKURUNAT BIX-XEWK



Hija vara li fiha naraw lil Kristu bilwieqfa b'idejh marbutin u b'qasba f'id waħda. Din il-vara hija wkoll ta' l-injam skolpita minn Pawlu Azzopardi fl-1839. Kienet qamet biss 125 skud (fuq Lm 10) u tħallset mill-fratell Salvu Albanese. L-abbozz ta' din il-vara jinsab fuq l-altar ta' Sant' Andrija fil-Kappellun tal-Kurċifiss. Il-porpra tal-bellus hija rrakkmata bid-deheb u saret fl-1929. Kienet ingħatat mis-Sinjorina Rosina Camilleri. Ir-raġġiera ta' din il-vara saret ukoll mill-arġentier Franġisk Castagna fl-1858.



F'din il-vara naraw mara bix-xbieha ta' Kristu fuq il-velu. Ħdejha tidher ukoll tifla żgħira. Hija maħduma fil-kartapesta u saret minn Renzo Gauci fl-1993 .

# IL-VARA TAD-DEPOŻIZZJONI



Il-Madonna tidher iżżomm f'ħoġorha l-ġisem mejjet ta' Kristu li għadu kemm tniżżel mis-salib. Maġenb il-Madonna nsibu lill-Madalena u lil San Ġwann filwaqt li warajhom hemm Nikodemu u Ġużeppi minn Arimatea. Din il-vara saret fl-1965 minn Salvatore Bruno minn Bari, l-Italja, u tħallset minn Consiglio D'Amato. Fl-1990 din il-vara sarilha xogħol kbir ta' restawr minn Alfred Camilleri Cauchi. Is-salib u ż-żewġ slielem huma tal-kewba, xogħol l-imgħallem Ġużeppi Mangion. Fl-1982, Nazzareno Darmanin irranġa u llustra s-salib.

# (SAN) PIETRU JILTAQA' MA' KRISTU



F'din il-vara naraw il-laqgħa ta' (San) Pietru ma' Kristu wara ċ-ċaħda tiegħu. Ħadimha Michael Camilleri Cauchi fl-1988 meta n-Nadur kien qed jiċċelebra għeluq it-300 sena mit-twaqqif tal-parroċċa. Fil-gżejjer Maltin, m'hawnx oħra b'dan is-suġġett. Din il-vara tħallset mill-poplu tan-Nadur filwaqt li r-raġġiera tal-fidda ta' Kristu tħallset minn Karmela Buttigieg.